MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Numru 197/2005

Il-Pulizija
(Sup Mariio Bonello)
vs
Christopher Polidano, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ mejju, 1979

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fl-20 ta’ mejju, 2003 għal ħabta tad-9.40 p.m. ġewwa l-Ħamrun, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni , jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti kkaġuna offiża gravi u disabilita’ permanenti fuq il-persuna ta’ Dr. Evelyn Caruana Demajo LL.D. skond kif iċċertifika l-konsulent Frederick Zammit Maempel MD, FRCS (Eng.);
2. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni VIP 600, b’manjiera traskurata;

3. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;
4. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
5. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi saq l-imsemmija vettura b'ġiri aktar milli jmiss;
6. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura u vista sħiħa tat-triq u tal-vetturi;
7. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jeżerċita l-kura u l-attenzjoni xierqa u naqas li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera;
8. talli fl-istess lok, żmien, ħin u ċirkostanżi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura u kien sejjer jaqla vettura oħra naqas li jżomm il-vettura tiegħu fuq in-naħa tal-lemin ta' dik il-vettura li kien qed jaqbeż;
9. talli sar reċidiv billi kien misjub ħati ta' reat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' april, 2001 u tat-8 ta' april, 2002;
10. talli kiser il-kondizzjoni mogħtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' april, 2002 li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien sentejn;

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita skond il-liġi, f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imsemmi Christopher Polidano milli jieħu jew ikollu liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, il-parte ċivile u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-Imħallef Giannino Caruana Demajo fil-ħin ta'
l-inċident kien qed isuq karozza tal-marka Fiat Regata, bin-numru tar-reġistrazz-
joni EAO 379. Fuq is-seat ta' wara kien hemm martu, Dr. Evelyn Caruana Demajo. Hu kien nieżel minn Triq Caruana Demajo u ried jidħol fi Triq San Gużepp, il-Ħamrun. Mnejn ried joħroġ hi triq sekondarja u meta wasal f'salib it-triq waqaf, ħares lejn iż-żewġ naħat u wara li ra li t-triq kienet ħielsa beda joħroġ. Il-viżwali fuq in-naħa tax-xelluq tiegħu hi fit-tul u hu ma ra ebda karozza ġejja. Beda ħiereġ lejn id-direzzjoni tal-Belt u kif ma kienx ezattament dritt sema' ħoss u daqqa kbira fuq il-karozza. Konsegwenza ta' din id-daqqa l-karozza daret kważi disgħin (90) grad. Ix-xhud qal li fl-ebda ħin ma ra l-karozza misuqa mill-imputat u ra biss wara l-impatt.

Illi Dr. Evelyn Caruana Demajo xehdet illi hi kienet riekba fuq is-seat ta' wara tal-karozza misjuqa minn żewġha. Xehdet illi waqfu għal mumenti twal qabel ma żewġha qabad u ħareġ fuq it-triq prinċipali. Hi wkoll xehdet li fuq ix-xelluq tat-triq ma rat xejn. Imbagħad meta kważi ddritta rat dawl kbir ġol-karozza u ħasset daqqa kbira. Konseqwenza ta' dan l-inċident ix-xhud ġarrbet feriti ta' natura gravi li ġabu debilita' permanenti kif jirrizulta mix-xhieda tat-tabib li kien eżaminha u li rrilaxxa ċertifikat mediku li jinsab fl-atti ta' din il-kawża.

Illi l-imputat xehed illi hu kien għaddej fit-triq prinċipali tal-Ħamrun. Hu kien qed isuq karozza tal-Marka Ford Escort Cotsworth, bin-numru tar-reġistrazzjoni VIP 600. Hu kien flimkien ma Michael Camilleri. L-ispeed tiegħu kien normali. Hu xehed li rah wieqaf u baqa nieżel. Hu ma basarx li ħa jibqa ħiereġ u beda joħroġ bil-mod. L-imputat qal li prova jiskapulah iżda ħabat u tilef il-kontroll. Konsegwenza tal-fatt li hu tilef il-kontroll, l-imputat tela fuq il-bankina u waqqa żewġ arbli tal-festa li kienu arbulati fuq il-bankina. Il-karozza tiegħu ġarrbet ħsarat konsiderevoli.

Illi Michael Camilleri, il-passiġġier li kien riekeb ma l-imputat, xehed li waqt li kienu nieżlin ħarġet karozza u l-imputat baqa dieħel ġo fiha. Hu xehed li kienu nieżlin bl-

erbgħin jew ħamsin kilometru fis-siegħa u l-karozza l-oħra qabdet u ħarġet f'daqqa.

Illi fuq il-post ta' l-inċident kien hemm diversi xhieda li meta offrew ix-xhieda tagħhom kienu kollha evasivi fuq l-inċident.  Tant hu hekk li l-versjoni li taw lill-pulizija ftit minuti wara l-inċident kienet għal kollox differenti minn dik li taw quddiem il-Qorti.  Kien hemm żewġ pulizija fuq il-post ta' l-inċident u dawn l-uffiċjali tal-pulizija xehdu li huma semgħu, it-tnejn, il-versjoni mogħtija 'a tempo vergine' ta' l-akkadut.  Li jirrizulta minn dawn ix-xhieda li huma raw il-karozza ta' l-imputat nieżla bi speed qawwi.

Illi mill-fatti kif ġara dan l-inċident jirrizulta li l-parte ċivile kienet ħierġa minn ġo 'side road' u l-imputat kien il-'main road user'.  Il-ħsarat li ġarrbet il-Fiat kienu fuq il-'mudguard' tax-xelluq.  Il-ħsarat li ġarrbet l-Escort kienu estensivi għaliex ħabtet mal-Fiat, telgħet fuq il-bankina u kien hemm ħsara fil-qiegħ ta' l-istess Escort.  Minbarra dan baqgħet dieħla ġo żewġ arbli tal-festa.

Illi id-dinamika ta' l-inċident tissuġerixxi li għalkemm l-imputat qal li tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu zgur li kien għaddej bi speed għoli għal dik il-lokalita' u dan jixhdu l-fatt li l-vettura qaċċtet iż-żewġ arbli tal-festa.

Illi ġie ritenut fil-kawża 'Il-Pulizija vs Domenic Fenech' deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' april, 2002 - "…li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view' (App. Krim. Pul. vs Joseph Vella 10.08.1963) u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma jkunx qed iżomm 'a proper lokk out' (App. Krim. Pul. vs J.M. Laferla 17.06.1961).  Is-'side road user' għandu dritt jaqsam ġol-'main road' meta, bid-debita prudenza, ikun aċċerta ruħu li din hi libera (App. Krim. Pul. vs Nazzareno Borg 12. 11. 1960) u 'side road user' irid jidħol ġo 'main road' bla ma jieħu riskju li driver prudenti ma jieħux (App. Krim. Pul. vs Giuseppe Galdes Vol. XXXVII, p.1108)

Illi imbagħad ġie wkoll ritenut minn din il-Qorti li f'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu ndipendentement minn dak li jagħmel sewwieq ieħor,

ammenoche dak li jiġri ma kunx dovut unikament u esklusivament għal ħtijiet da parti tas-sewwieq l-ieħor (App. Krim. Pul. vs Gaetano Schembri, 16.03.1961; Pul. vs John Polidano, 03.11.1963; Pul. vs Rev. C. Mifsud Vol. XXXVII,p. 1131 u oħrajn). Il-'contributory negligence' ma tezonerax is-sewwieq jekk ma tkunx hi kawża unika tas-sinistru. (App Krim. Pul. vs P. Vassallo Vol. XXXVIII, p. 883)."

Illi jirrizulta li l-imputat ra lill-parte ċivile ħiereġ u ma għamel xejn. F'dan il-kuntest wieħed qed ifisser li l-imputat kellhu jnaqqas il-veloċita' tal-vettura tiegħu u dan jinkwadra ruħu f'sewqan b'manjiera traskurata aktar milli sewqan perikoluz. (ara App. Krim. Pul. vs Natasha Mohnani 11.07.2002).

Illi konsegwenza ta' dan is-sewqan b'manjiera traskurata l-imputat hu responsabbli tal-feriti li ġarrbet Dr. Evelyn Caruana Demajo hawn fuq imsemmija.
Illi rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-5 ta' april, 2001. Semgħet il-prova ta' l-identita' ta' l-istess u tiddikjara l-imputat reċidiv skond il-liġi.
Inoltre, rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-8 ta' april, 2002. Semgħet il-prova ta' l-identita' ta' l-istess u tiddikjara li l-imputat kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 (illum Kapitolu 446) tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif imposti fuqu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet, tar-raba', tas-sitt, tas-seba' u tat-tmien akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tieni, tal-ħames, tad-disa' u tal-għaxar akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 226(1), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta
u tikkundannah għal ħlas ta' multa mitejn lira maltin (Lm200). Inoltre, tissospendi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal żmien tmien tijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------